MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2014

Numru. 186/2011

**Il-Pulizija**

**[Spettur Yvonne Farrugia]**

**vs**

**Geoffrey Theuma**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Geoffrey Theuma detentur tal-karta tal-identita` numru 245873(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fl-2008 u fl-2009, irrenda ruhu komplici fl-ghoti ta' dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz a tenur tal-Artikoli 42 u 185 tal-Kodici Kriminali;

> Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer fil-11 ta' April 2008 jew fil-jiem ta' qabel, wieghed, ta jew offra, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna, li asserixxiet jew ikkonfermat li kienet kapaci taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex igieghel lil dik l-istess persuna tezercita dik l-influwenza;
>
> U aktar talli f'dawn il-Gzejjer fid-19 ta' Jannar 2009, jew fil-jiem ta' qabel, talab, ircieva jew accetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih inniffsu jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li jezercita xi influwenza mhux xierqa bhalma hemm imsemmi fl-Artikolu 121A subartikolu (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
>
> U aktar talli fl-10 ta' April 2008, f'dawn il-Gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;
>
> Kif ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, halef il-falz quddiem ufficjal li kellu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament;

U aktar talli f’dawn il-Gzejjer, f’April 2008, u x-xhur ta’ wara xjentement ghamel uzu minn wiehed mid-dokumenti msemmija fl-Artikolu 185 tal-Kodici Kriminali a tenur tal-Artikolu 186 tal-Kodici Kriminali.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f’kaz ta’ sejbien ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat id-dokumenti pprezenati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 17(h), 42, 185, 121A(1), 121A(2), 118, 108 u 186 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Stante ammissjoni bikrija mill-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih hlief ghal hames akkuza, u cioe` l-akkuza tal-gurament falz taht l-Artikolu 108 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu, u stante li l-imputat ikkopera bis-shih mal-prosekuzzjoni u li l-fedina penali tal-istess hija kwazi netta u li l-imputat ma kellux rwol dirett mal-otteniment tal-licenzja de quo, qeghda ssib lill-imputat Geoffey Theuma hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih hlief ghal hames akkuza li bl-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghda tilliberah bil-

kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum, filwaqt li tilliberah mill-hames akkuza stante illi ma ngabitx prova illi l-imputat qatt ha xi gurament.

Finlament spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------